# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Illum it-28 ta’ Gunju, 2018.**

**Rikors Numru 506/2018**

**Omega Bunker Snc, socjeta` registrata l-Italja, kif rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-avukat Dottor Tonio Grech u l-avukat Dottor Kevin F. Dingli**

**vs.**

**Il-bastiment m.v. Leonidas K (Numru IMO 9467782)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-bastiment intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' ghoxrin elf, hames mija u hamsin Dollaru American, (USD20,550.00), ekwivalenti ghal sbatax -il elf, erba' mija u tlieta u erbghin euro u erbgha u tletin centezmu, (€17,443.34), prezz ta' *bunkers* konsenjati lill-imsemmi bastiment fis-6 ta' Frar, 2018, (ara foll 5 sa 7);

1.2. Illi ghalkemm debitament interpellat biex ihallas l-ammont minnu dovut l-imsemmi bastiment intimat baqa' inadempjenti;

1.3. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex din:

1.3.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artiklu 167 tal-Kap 12;

1.3.2. Tiddikjara li l-bastiment intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' USD20,550.00, ekwivalenti ghal €17,443.34 prezz ta' *bunkers* konsenjati fuq il-bastiment intimat;

1.3.3. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €17,443.34 kif fuq indikat;

1.3.4. Bl-ispejjez u bl-interessi kummercjali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 9);

3. Semghet lix-xhud prodott li ikkonferma it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

4. Illi in vista tal-fatt li l-ammont involut jirrizulta li hu wiehed, cert, likwidu u dovut, allura jissodisfa d-dettami tal-artiklu 167 sa 170 tal-Kap 12;

5. Illi *di piu`* rizultat tax-xhud prodott mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta assodat li l-ammont dovut mill-bastiment intimat ghadu dovut lis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u dan anke fin-nuqqas daparti tal-bastiment intimat li jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu *ai terminu* tal-artiklu 170 tal-Kap 12, konsegwentement:

6.1. Tiddeciedi l-kaz bid-dispensa tas-smigh kif mitluba;

6.2. Tiddikjara li l-bastiment intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' €17,443.34 prezz ta' *bunkers* konsenjati fuq il-bastiment intimat;

6.3. Tikkundanna lill-bastiment intimat biex ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

6.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament;

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**